# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Mejju 2021**

**Rik. Gur. Nru : 218/2020 JPG**
**Kawza Nru : 23**

**MB f'ismu proprju u bhala kuratur 'ad litem' tal-minuri RBG**
**Vs**
**MG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat MB f'ismu proprju u bhala kuratur 'ad litem' tal-minuri RBG, datat 30 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni barra z-zwieg bejn il-kontendenti twieldet tifla li jisimha RBG u li llum ghandha X xhur dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. 'A'.*

2. *Illi, wara li spiccat ir-relazzjoni bejn l-istess kontendenti, l-intimata iddecidiet li tkompli bix-xoghol taghha barra minn Malta fejn tinsab tahdem B u hadet maghha lill-bint minuri, dan minkejja li kemm l-intimata u l-bint ghadhom domiciljati Malta.*

3. *Illi inizjalment l-esponenti accetta dan l-arrangjament minhabba l-htiega li t-tarbija tigi mredda' minn ommha tenut kont tal-*eta` *zghira taghha.*

4. *Illi madanakollu illum-il gurnata t-tifla ghandha sentejn u erba' xhur kif inghad u l-intimata ghadha qed tinsisti li t-tifla tibqa' maghha anke meta tkun xoghol barra minn Malta u anke jekk, barra minn Malta, hija m'ghandha ebda sostenn morali u prattiku, wisq anqas familjari fit-trobbija tat-tifla b'tali mod li t-tifla hemmhekk qed tqatta hin konsiderovoli fil-kura ta' terzi persuni li m'humiex maghrufin wisq anqas approvati mill-esponenti, u li kontra r-rieda ta' l-esponenti it-tifla mhux tattendi faċilita' ta' childcare professjonali, tant li t-tifla għadha lura ħafna fil- kliem u għadha tagħmel użu min-nappy.*

5. *Illi kien hemm ukoll okkazjoni fejn, ftit qabel ma faqqghet il-pandemija, l-intimata kienet qed sahansitra tikkunsidra li tiehu btala fit-tul barra mill-Ewropa senjatament fil-Brazil u li tiehu lit-tarbija maghha. Tali pjanijiet gew imhassrin ghaliex l-esponenti oggezzjona bl-akbar qawwa ghalihom, bl-istess mod illi bih l-esponenti kien oggezzjona bl-akbar qawwa u eventwalment irnexxielu jikkonvinci lill-intimata kontra li twettaq abort meta kienet tqila bil-minuri . Bl-istess mod, l-esponenti oggezzjona aktar ricentement, invista ta' kemm is-safar sar aktar perikoluz mis-soltu - multo magis ghal tarbija ta' ftit snin – imma l-intimata xorta wahda haditha lura B fl-eqqel tal-pandemija, dana kontra r-rieda tal-esponenti.*

6. *Illi kien hemm drabi wkoll fejn l-intimata irrifjutat li tara li l-minuri tigi amministrata t-tilqim li kien mehtieg ghaliha skont l-eta` taghha u kif inhuwa rrakomandat mill-awtoritajiet tas-sahha pubblika Maltija, bħal per eżempju dik tal- influwenza fejn prezentement ghadha qed tirrifjuta li taghtiha din it-tilqima ghaliex qed tgħid li t-tabib tagħha fi B qalilha li t-tifla assolutament m'għandiex tieħu tali tilqima.*

7. *Illi b'zieda mas-surreferit, meta tkun barra minn Malta, l-intimata qed ukoll iccahhad lill-esponenti milli jkollu telefonata virtwali ta' ftit minuti kuljum ma' bintu u li fil-fatt qed tagħti permess u aċċess għal tlett telefonati virtwali fil- ġimgħa f'ħinijiet speċifiċi li tiddeċidihom hi minn ġurnata għall-oħra b'ċertu restrizzjonijiet fissi bħal per eżempju li t-telefonata għandha tkun dejjem qabel is-6pm, jew xejn, u li l-permess għal dan l- aċċess jingħata billi*

*l-missier jagħmel talba ġurnata b'ġurnata, minkejja li l-esponenti talab diversi drabi li jkun hemm ħinijiet miftehmin minn qabel permezz ta' skeda biex iż-żewġ partijiet ikollom opportunita jippjanaw aħjar. Perdipiu` wara li l-esponenti ikun skonta dawn it-tlett telefonati fil-ġimgħa, l-intimata tibqa' tinjora totalment u ghall-perijodu rimanenti tal-gimgha il-messaġġi ta' rikjesta tal-missier biex dan jara u jkellem lil bintu u dana sal-gimgha ta' wara meta jerġa jibda l-għadd; u dana minghajr ebda raguni jew gustifikazzjoni legali salv illi, skont l-intimata, mhux konvenjenti għaliha li tiffaċilita aktar telefonati bejn l- esponenti u bintu u li f'dan ir-rigward qed timxi mal-parir tal-avukata tagħha.*

8. *Illi l-aċċess virtwali jingħata kwazi dejjem matul il-ġimgħa biss waqt li fil-ġranet ta' tmiem il-ġimgħa l-intimata kemm il-darba lanqas biss tirrispondi r-rikjesti tal-esponenti biex ikellem lil bintu. Dan minkejja li fi tmiem il-ġimgħa l-esponenti jkollu aktar ħin liberu.*

9. *Illi, oltre dak hawn fuq riportat, l-intimata qed iccahhad ukoll l-access fil-presenza tal-partner attwali tieghu u it-tifla taghħa ta' seba' (7) snin u dana minghajr ebda raguni jew gustifikazzjoni legali salv l-intimata qed tinsisti li l-partner tiegħu u t-tifla tagħha m'għandomx jitqiesu bħala familja ta' bint il-partijiet, u li m'għandhomx jitħallew jinvadu l-privatezza tad-dar tagħha, minkejja li dawn jgħixu flimkien mal-esponenti u t-tifel tiegħu bħala familja u minkejja li din "l-invazjoni" hija biss telefonata virtwali. B'konsegwenza ta' dan, meta waqt xi telefonata, it- tifla tal- partner tipprova ssellem lil RBG, l-intimata ttemm it-telefonata ħesrem jew taqleb il-kamera lejn is-saqaf biex it-tfal ma jarawx lil xulxin, waqt li ttenni li "ma nistax nippermetti dawn l-affarijiet. No third parties!", u b'tali mod li meta n-nanna u z-zija ta' bint il-partijiet, f'okkażżjonijiet separati ta' ċelebrazzjonijiet t'għeluq sninhom, talbu li jagħmlu telefonata mat- tifla hekk kif kien hemm il-familja kollha miġbura, l-intimata rrifjutat, darba minnhom wara li staqsiet min kien hemm preżenti u tgħarrfet li naturalment kien hemm il-partner tal -esponenti u t-tifla tagħha.*

10. *Illi jidher car li l-intimata qed tuża l-aċċess għat-tifla biex teżerċita forma ta' tpattija jew kontroll fuq l-esponenti bħal meta thedded li twaqqaf l-aċċess*

*bejn l-esponenti u bintu jekk dan ma jagħmilx dak li tgħidlu hi fi kwalunkwe kuntest.*

*Dan minkejja li t- tifla tesprimi biċ-ċar feliċita` kbira meta tilmah lil missierha, u ħafna drabi tibki meta jiġu biex itemmu t-telefonata.*

11. *Illi minkejja s-surreferit l-intimata u bint il-partijiet ikunu ta' spiss hawn Malta, gieli anke ghal diversi gimghat fit-tul b'tali mod li kemm l-intimata u l-bint ghadhom domiciljati f'Malta.*

12. *Illi madanakollu anke matul dan iz-zmien, meta l-bint tkun Malta, l-intimata qed timponi restrizzjonijiet ghal kollox irragjonevoli fil-konfront tal-esponenti u l-hin tieghu ma' bintu oltre milli qed tkun ghal kollox non-kuranti tal-htiega li, almenu meta l-bint tkun Malta, il-missier igawdiha mieghu b'mod stabbli u wkoll flimkien mal-qraba u familjari tieghu inkluz bi sleepovers regolari u b'mod li jikkumpensa ghan-nuqqas fiziku ta' xulxin meta l-bint tkun barra minn Malta. L-esponenti għadu sal-ġurnata tal-lum qatt ma qatta 24 siegħha ma' bintu.*

13. *Illi ulterjorment, anke minkejja l-proceduri ta' medjazzjoni intavolati mir-rikorrenti, l-intimata ghadha tinsisti li kemm meta tkun barra minn Malta u kif ukoll meta tkun Malta tkun hi li tiddeciedi minn gurnata ghall ohra meta, kemm u kif l-esponenti jkun jista' jara jew ikellem lil bintu.*

14. *Illi f'dan ir-rigward kien hemm granet fejn, anke meta l-intimata kienet Malta mal-minuri, l-intimata hassret l-access tal-esponenti minghajr ebda pre-avviz jew bi ftit preavviz. Kien hemm granet ohrajn fejn ma hallietx lill-esponenti jkun ma' bintu jew li pretendiet li l-missier ikun ma' bintu minghajr ebda pre-avviz semplicement minhabba li hi xtaqet tohrog jew kellha xi impenn iehor – dana dejjem skont il-bzonnijiet personali taghha u minghajr ma tapprezza l-htiega li tigi segwita kemm jista' jkun rutina fissa fl-ahjar interess tal-minuri u b'mod li jigi zgurat zmien adegwat u ta' kwalita` mal-bint ghaz-zewg genituri.*

15. *Illi, fil-frattemp, l-esponenti jinsab qed ihallas manteniment regolari ghal*

*bintu. Oltre minn hekk, l- esponenti qiegħed iżur B darba fix-xahar bl-għan li jqatta ħin ta' kwalita ma bintu, liema prassi tinsab bħalissa sospiża minħabba ċ-ċirkostanzi tal- Covid-19.*

16. *Illi l-esponenti jinsab preokkupat mhux biss minhabba l-precedenti tal-intimata imma wkoll ghaliex l-interessi tat-tifla tal- partijiet m'humiex qed jiġu mħarsa mill-intimata li qed trabbiha. It-tifla qed tinżamm lura minn missierha, mill- familja, mill-iskola, minn tilqim għas-saħħa tagħha, u minn pajjiżha hekk kif l-intimata iddeċiediet hi għal bint il- partijiet li din għandha tikber iżolata minn kull min taf u kull min iħobbha, il- bogħod minn pajjiżha minkejja li dan mhux fl-interess tat- tifla f'ezercizzju car ta' parental alienation progressiva min-naha tal-intimata fil-konfront tal-figura tal-esponenti bhala l-missier u wkoll il-qraba u familjari tieghu.*

17. *Illi tenut kont tas-surreferit l-esponenti huwa tal-umli fehma li jkun fl-ahjar interess tal-bint illi din titrabba hawn Malta fejn hu jista' jiehu hsiebha personalment u fejn it-tifla jkollha s-sostenn kontinwu mhux biss tal-esponenti imma wkoll tal-familja tieghu u wkoll tal-qraba materni bil-kontra ta' B jew barra minn Malta fejn l-intimata u l-minuri jinsabu ghal kollox wehidhom.*

18. *Illi interament minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponenti huwa tal-umli fehma li jekk allura dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li minkejja dak kollu li nghad hawn fuq u minkejja dak kollu li ser jirrizulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ikun fl-ahjar interess tal-bint minuri li din tibqa' tirrisjedi m'ommha anke barra minn Malta meta din tkun xoghol barra fi B, jehtieg illi jigi accertat li l-ivvjaggar tal-intimata mal-bint ikun cirkoskritt ghall dak li huwa necessarju ghall-impenji lavorattivi tal-istess intimata u fi kwalunkwe kaz mhux 'il barra mill-Unjoni Ewropeja, soggett ghar-restrizzjonijiet u drittijiet ta' informazzjoni opportuni lill-esponenti in kwantu missier li jkollu dritt t'access fiss u regolari ghal bintu kemm meta din tkun barra minn Malta, f'tali kaz ukoll b'mezzi virtwali u/jew telefonici, u multo magis fi zminijiet fissi meta t-tifla ghandha tkun ma' missierha f'Malta skont tali modalita` li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun fl-ahjar interess tal-minuri u b'mod li l-bint tkun tista' tgawdi lill-qraba kollha taghha u l-*

*familjari tal-istess esponenti u b'tali mod li tigi zgurata relazzjoni tajba u dejjiema bejn l-esponenti u bintu.*

19. *Illi saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex tintlahaq soluzzjoni bonarja, inkluz bil-proceduri tal-medjazzjoni, izda dan minghajr ma kien hemm ebda ezitu pozittiv.*

20. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet kollha surreferiti jew liema minnhom u/jew li ser jirrizultaw matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza u wkoll prevja dawk id-decizjonijiet necessarji u/jew opportuni li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu:*

1. *Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-bint minuri RBG bint ir-rikorrenti u l-intimata tibqa' kongunta bejn il-partijiet b'dana li jigi ordnat li t-tifla tirrisjedi mal-esponenti missieri b'access regolari u fiss favur l-omm skont dik il-modalita` u skont dawk it-termini u kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti tqis li jkunu fl-ahjar interess tal-minuri*

2. *Tillikwida u tordna lill-intimata sabiex, prevja li tilqa' l-ewwel talba, thallas dak il-manteniment dovut mill-istess intimata lill-esponenti ghall-htigijiet tal-bint skont il-ligi.*

3. *Tordna, fin-nuqqas tas-surreferit, illi l-kura u l-kustodja tal-bint minuri RBG bint ir-rikorrenti tibqa' kongunta u f'kaz li jigi ordnat li t-tifla tibqa' tirrisjedi flimkien mal-omm barra minn Malta sakemm din tkun tahdem barra minn Malta jigu iffssati dawk it-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw iz-zmien li fih il-minuri tkun m'ommha barra minn Malta inkluz imma mhux limitat ghas-segwenti:*

    (i) *Illi fi kwalunkwe kaz il-bint ghandha tibqa' tigi meqjusa li hija domiciljata f'Malta sakemm tilhaq l-eta` maggjoritarja u tkun tista' tiddetermina hija stess id-domicilju taghha*

*(ii) Illi l-intimata tkun prekluza li ssiefer barra mil- Belġju u/jew barra minn Malta mal-bint minghajr il-kunsens tal-esponenti u, fi kwalunkwe kaz, tali safar ghandu jkun ghal zmien limitat b'dana li l-intimata ghandha dejjem tipprovdi informazzjoni lill-esponenti dwar id-data ta' tluq u data ta' ritorn taghha, post/ijiet ta' soggorn u l-identita` tal-persuni li jkunu qed talvolta jakkumpanjaw lill-minuri fuq tali btala, u li l-intimata għandha tkun prekluża milli tħalli lil minuri fil- kura ta' terzi persuni mhux magħrufin mill-esponenti.*

*(iii) Illi l-esponenti ghandu jkollu dritt t'access ampju u fiss ghall-minuri u liema access jigi ezercitat b'mod fiziku u/jew virtwali u/jew telefoniku meta l-bint tkun barra minn Malta m'ommha u b'mod fiziku li jkun jinkludi wkoll sleepovers regolari fi zminijiet fissi illi fihom il-bint ghandha tkun Malta u li l-minuri tkun tista' ssiefer mal-esponenti fuq btajjel qosra u dana skont tali modalita` li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skont l-ahjar interess tal-minuri, b'mod partikulari l-interess taghha li jkollha relazzjoni b'sahhitha u dejjiema mal-esponenti missierha.*

*(iv) Illi tali access jigi ezercitat mill-esponenti ukoll, jekk ikun il-kaz, fil-presenza tal-qraba u familjari tieghu inkluza wkoll il-partner tieghu u t-tifla tagħha gjaladarba ma jirrizultawx ragunijiet jew gustifikazzjonijiet li jeskludu tali presenza.*

*(v) Tiddikjara li l-esponenti diga` qed ihallas manteniment xieraq fir-rigward tal-bzonnijiet tal-minuri*

*4. Tordna u tawtorizza li l-minuri tigi moghtija t-tilqim kollu rikjest u/jew suggerit mill-awtoritajiet tas-sahha ta' Malta tenut kont l-eta` taghha minn zmien ghal zmien.*

*Dana lkoll skont dawk it-termini u kundizzjonijiet li jidhrulha xieraq dina l-Onorabbli Qorti u dejjem fl-ahjar interess tal-istess minuri.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-medjazzjoni u tal-proceduri kollha relattivi kontra*

*l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' MG datata 8 ta' Marzu 2021, a fol 33 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva umilment illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi dwar il-talbiet intavolati mir-rikorrenti fil-kawza odjerna, stante illi kemm l-esponenti, u fuq kollox il-minuri RBG, li hija s-suggett ta' din il-kawza, jghixu gewwa B, il-B, fejn ghaldaqstant il-minuri ghandha r-residenza abitwali taghha u fejn hija tirrisjedi regolarment flimkien ma' l-esponenti. Dan huwa ai termini tat-Tieni Sezzjoni, Artikolu tmienja (8) tal-Council Regulation EC No. 2201/2003 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u ta' responsabbilita' tal-genituri.*

2. *Illi preliminarjament ukoll u ghal dak illi jirrigwarda l-hlas ta' manteniment pagabbli ghall-minuri, li tirrisjedi ma' l-esponenti, jigi rilevat umilment illi anke f'dan ir-rigward dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi dwar tali kwistjoni, b'dan illi ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Council Regulation (EC) No. 4/2009 tat-18 ta' Dicembru 2008, hija l-Qorti Belgjana li hija kompetenti sabiex tiddetermina tali kwistjoni.*

3. *Illi effettivament l-intimata ntavolat proceduri gewwa l-Qorti ta' B, il-B, proprju rigward il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw lil minuri RBG, inkluz, inter alia, dawk dwar residenza, access u manteniment, b'dan illi ghaldaqstant ghandha tkun l-istess Qorti gewwa l-B, fejn tirrisjedi l-minuri flimkien ma' l-esponenti, li ghandha tisma' u tiddeciedi dwar tali talbiet rigwardanti l-istess minuri. L-esponenti qieghda tannetti kopja tal-proceduri intavolati quddiem il-Qorti Belgjana liema dokumenti qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok 'MG1'.*

4. *Illi fil-mertu u strettament minghajr pregudizzju ghall-premess, b'referenza ghat-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva umilment illi, ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel talba, din ghandha tigi michuda fl-intier taghha, b'dan illi*

*certament illi ma huwiex fl-interess tal-minuri la li l-kura u kustodja tal-minuri jibqghu fdati konguntivament bejn il-partijiet, u wisq anqas li l-minuri tirrisjedi mar-rikorrenti, b'access favur l-esponenti, meta sa mit-twelid taghha dejjem kienet l-esponenti li hadet hsieb tal-bzonnijiet kollha tal-minuri li tghix maghha gewwa B. Effettivament l-esponenti diga' ressqet it-talbiet taghha rigward, inter alia, d-domicilju u r-residenza tal-minuri quddiem il-Qorti ta' B, kif jirrizulta mid-dokument anness.*

5. *Illi l-esponenti topponi ghat-tieni talba stante illi, kif spjegat, huwa fl-interess tal-minuri RBG illi r-residenza taghha tibqa' ma' l-esponenti, kif dejjem kienet sa mit-twelid taghha, b'dan illi ghaldaqstant ghandha tkun l-istess esponenti, kif mitlub ukoll minnha fl-imsemmija proceduri quddiem il-Qorti ta' B, illi tircievi manteniment minghand ir-rikorrenti ghal bint il-partijiet. L-esponenti tirrileva umilment illi effettivament il-minuri qatt ma ghexet mar-rikorrenti stante illi l-partijiet qatt ma ghixu flimkien minn meta twieldet il-minuri.*

6. *Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda stante illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandhom jigu fdati esklussivament f'idejn l-esponenti, b'dan illi di piu' u b'referenza ghat-termini u kundizzjonijiet mitluba mir-rikorrenti, l-esponenti tirrileva s-segwenti: -*

(i) *Tali talba ghandha tigi michuda stante illi l-minuri ghandha tigi meqjusa li hija domiciljata fi B fejn hija ilha tghix sa ftit wara t-twelid taghha, senjatament għal dawn l-aħħar sentejn, u dan sakemm issir maggorenni.*

(ii) *L-esponenti topponi ghal tali talba stante illi certament illi l-minuri ma ghandhiex tigi mcahhda mill-opportunita' li ssiefer fuq btajjel ma' l-esponenti, kif u meta jkun opportun, b'dan illi l-esponenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni li taghti informazzjoni lir-rikorrenti dwar tali safar, kif mitlub u kif fil-fatt diga' sar, filwaqt illi tirrespingi t-talba tar-rikorrenti sabiex il-minuri ma tithalliex fil-kura ta' terzi persuni li mhux maghrufin mir-rikorrenti stante illi, oltre l-fatt illi l-esponenti qatt ma hi ser thalli lill-minuri ma' persuni li ma humiex affidabbli, di piu' l-esponenti tghix gewwa B u ghaldaqstant huwa evidenti li r-rikorrenti ma jafx lil kull min taf l-esponenti, inkluz babysitters illi jista' jkollha l-esponenti. Di piu' kien*

*proprju l-esponenti li ssuġġerixxa l-użu ta' babysitters u li kien ikkonferma li anke hu kien sab babysitter għall-minuri. Fil-fatt huwa stess mhux l-ewwel darba li jhalli lill-minuri ma' terzi fil-hin illi l-minuri suppost tkun mieghu.*

*(iii) Illi l-esponenti ma toggezzjonax ghat-talba li r-rikorrenti jkollu access adegwat ghall-minuri meta hija tkun Malta jew fi B, f'kaz illi r-rikorrenti jogħġbu li jmur izur lil bintu, bi preavviz adegwat lill-esponenti, b'dan illi tali access ghandu jkun wiehed ragjonevoli, tenut kont anke ta' l-eta' tal-minuri, ta' l-impenji edukattivi u extra-kurrikulari li ser ikollha l-minuri u tal-limitazzjonijiet rizultanti mill-fatt illi l-partijiet jghixu f'zewg pajjizi differenti. L-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni li r-rikorrenti jsiefer mal-minuri sakemm dan ikun bil-kunsens preventiv ta' l-istess esponenti, b'dan illi fl-umili fehma ta' l-esponenti tali safar ghandu jkun ghal zmien adattat għall-età tal-minuri u wara li l-minuri taghlaq ħames (5) snin.*

*(iv) Illi ma hemmx oggezzjoni li l-access tar-rikorrenti jigi ezercitat fil-prezenza ta' qraba u familjari tieghu, b'dan illi l-unika oggezzjoni ta' l-esponenti hija ghall-prezenza tas-siehba tieghu waqt telefonati virtwali mal-minuri, b'dan illi dawn fil-maggor parti jsiru meta' l-esponenti tkun fir-residenza taghha flimkien mal-minuri, u kien hemm diversi okkazjonijiet, fejn l-istess siehba tar-rikorrenti kienet abbuziva fil-konfront ta' l-esponenti.*

*(v) Illi tali talba ghandha tigi michuda stante illi nonostante l-introjtu sostanzjali li ghandu r-rikorrenti huwa jhallas biss is-somma minima ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar, li ilu jhallas biss minn meta l-minuri għalqet sentejn, filwaqt li qabel kien qed iħallas biss nofs l-ispejjeż li kien jibqa' wara li kien jintuza c-children's allowance, b'dan illi r-rikorrenti llum qieghed ukoll jirrifjuta li jhallas is-sehem tieghu ghat-titjiriet tal-minuri sabiex tigi Malta. Oltre l-istess manteniment minimu r-rikorrenti ma jaghmel tajjeb ghall-ebda spejjes ohra hlief spejjes minimi ta' sahha, stante illi dawn kważi kollha jkunu diġà koperti mill-polza ta' assikurazzjoni ta' sahha li ghandha l-esponenti.*

*7. Illi ma hemmx oggezzjoni ghar-raba' talba, limitatament li l-minuri tinghata t-tilqim kollu rikjest, kif del resto dejjem sar, izda dan ghandu jkun skond dak*

*rikjest mill-awtoritajiet tas-sahha gewwa B fejn il-minuri tirrisjedi flimkien ma' l-esponenti, peress li l-minuri hija segwita minn professjonisti fi B u dan jiffaċilita l-benessere mediku tagħha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.*

Rat id-Dikjarazzjoni ta' MG, datata 8 ta' Marzu 2021, a fol 36 et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti qed taghmel din id-dikjarazzjoni strettament minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari taghha rigwardanti n-nuqqas ta' guridizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li tisma' u tiddeciedi dwar il-talbiet intavolati mir-rikorrenti fil-kawza odjerna.*

2. *Illi b'referenza ghar-rikors guramentat tar-rikorrenti l-esponenti taqbel mal-fatti elenkati fl-ewwel paragrafu ta' l-istess rikors, izda mill-bqija l-esponenti tichad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet kollha maghmula mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu, b'dan illi tali allegazzjonijiet huma ghal kollox inveritjieri u infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi debitament spjegat.*

3. *Illi b'referenza ghat-tieni paragrafu ta' l-istess rikors guramentat l-esponenti tirrileva umilment illi meta hija ltqaghet mar-rikorrenti hija kienet diga' tghix gewwa B, fejn fil-fatt ilha tirrisjedi ghal iktar minn tlettax (13)-il-sena, b'dan illi l-esponenti ma qabditx u telqet wara li spiccat ir-relazzjoni, li kienet qasira u instabbli, stante illi fil-fatt hija qatt ma telqet minn B u fl-ebda hin ma waqfet mill-kuntratt permanenti tax-xoghol tagħha bħala uffiċjal permanenti ta' l-Unjoni Ewropea jew tal-kirja tar-residenza taghha hemmhekk, salv ghall-perijodu tal-leave tal-maternita' bi ftehim car ma' tax-xoghol taghha u mar-rikorrenti li kienet ser tirritorna lura B. Il-minuri RBG li llum ghandha sentejn u nofs ukoll ilha, sa minn Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), u cioe' ftit xhur wara t-twelid taghha u għal dawn l-aħħar sentejn, tghix gewwa B li huwa l-pajjiz fejn l-istess minuri, flimkien ma' l-esponenti, ghandha r-residenza ordinarja taghha. Effettivament il-minuri hija registrata gewwa B tant illi*

*tircievi korrispondenza f'isimha mill-muniċipalità/kunsill lokali, hi registrata fl-iskola tal-kommun u ghandha certifikat ta' residenza u karta ta' residenza Belgjana, flimkien man-numru tas-sigurta' socjali taghha.*

4. *Illi r-rikorrenti kien jaf ben tajjeb illi l-esponenti kienet tghix u tahdem barra minn Malta u li ma kellha l-ebda intenzjoni li tistabbilixxi ruhha f'Malta, b'dan illi ma huwiex minnu li kien hemm arrangjament temporanju fis-sens illi r-ritorn tagħha lejn B kellu jkun biss ghal perijodu temporanju sabiex l-esponenti tredda' lill-minuri, kif qed jallega b'mod qarrieqi r-rikorrenti, stante illi huwa kien jaf ben tajjeb li l-esponenti kienet ser tkompli tghix gewwa B kif kienet ilha taghmel ghal tant snin, tant illi kien hu stess illi akkumpanjaha lura B.*

5. *Illi effettivament l-esponenti nqabdet tqila xahrejn biss wara li ltaqghet ma' l-esponenti, u ghamlet it-tqala taghha prattikament kollha gewwa B, b'dan illi l-esponenti kienet f'Malta biss ghat-twelid tat-tarbija u ghall-maternity leave u parental leave proprju sabiex ir-rikorrenti jkun qrib il-minuri, b'dan illi pero' l-esponenti dejjem ghamlitha cara li hija ma kellha l-ebda intenzjoni li tigi tghix Malta filwaqt illi da parti tieghu r-rikorrenti wieghed illi kien ser iżur lit-tifla gewwa B regolarment. Ir-rikorrenti nnifsu kien fil-fatt fittex xogħol u konferenzi ġewwa B, inkluż billi nieda kampanja sabiex jigi elett Membru Parlamentari Ewropew li bdiet meta l-esponenti kienet għadha tqila fi B, peress illi kien jaf illi bintu kienet ser tkun qed tirrisjedi hemm. Ir-rikorrenti u l-esponenti kienu wkoll diga' bdew jiddiskutu skejjel u anki birthing centres fi B meta l-esponenti nqabdet tqila, u r-rikorrenti anki attenda għal ultrasounds u appuntamenti mediċi tat-tqala fi B. Ghaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat tieghu hija wahda ghal kollox inveritjiera u qarrieqa intiza biss sabiex ir-rikorrenti jipprova jizvija lil dina l-Onorabbli Qorti meta jaf ben tajjeb illi l-verita' hija ferm differenti.*

6. *Illi b'referenza ghar-raba' paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva umilment illi l-esponenti ma "tkunx xoghol barra minn Malta" iżda effettivament tghix barra minn Malta u tkun biss barra minn B ghal btala, b'dan illi B huwa l-pajjiz fejn l-esponenti ghandha r-residenza taghha flimkien mal-minuri, tant ukoll illi l-esponenti xtrat proprjeta' gewwa l-Belġju, wara li kienet ilha tfittex post ghal dawn l-ahhar sentejn circa, bl-gharfien tar-*

*rikorrenti, filwaqt illi f'Malta hija ma ghandha l-ebda proprjeta'. Ma huwiex minnu lanqas li l-esponenti ma ghandhiex familjari gewwa B stante illi oht l-esponenti, li hija wkoll il-parrina tal-minuri, ilha tghix gewwa B ukoll ghal dawn l-ahhar għaxar (10) snin, b'dan illi hi u l-partner taghha jghixu vicin ta' l-esponenti u jaghtuha ghajnuna u support regolari. Di piu' filwaqt illi l-esponenti taghmel uzu mis-servizz ta' childcare professionals biex dejjem ikollha l-ahjar informazzjoni ghal dak illi jirrigwarda l-minuri, hija tattendi wkoll parenting courses u ghandha babysitter illi effettivament xi drabi tiehu hsieb lill-minuri fir-residenza ta' l-istess esponenti u ghalhekk gewwa l-post fejn tirrisjedi l-minuri, liema babysitter ghandha relazzjoni eccellenti kemm ma' l-esponenti kif ukoll mal-minuri.*

7. *Illi ftit wara t-twelid taghha, l-esponenti kienet irregistrat lill-minuri fi tlett (3) childcare centres differenti u kienet marret izzurhom, bl-approvazzjoni tar-rikorrenti, b'dan illi kienu l-partijiet flimkien illi qablu li l-minuri ma tibdiex tattendi childcare minn kmieni sabiex ma toqghodx timrad regolarment u biex tilħaq tikber ftit ieħor, peress illi l-esponenti setghet f'dan l-istadju tahdem diversi granet fil-gimgha mid-dar. Ir-rikorrenti kien ukoll irrifjuta li jhallas is-sehem tieghu ghall-ispiza tac-childcare bl-iskuza tac-children's allowance li l-esponenti tircievi mix-xoghol taghha anke jekk tali allowance huwa inqas mill-ispejjes ghac-childcare. Kien ukoll bi qbil bejn il-partijiet li fil-granet illi l-esponenti jkollha tmur ghax-xoghol, tkun babysitter illi tiehu hsieb lill-minuri fir-residenza ta' l-esponenti, b'dan illi effettivament kien ir-rikorrenti nnifsu li kien jghid lill-esponenti li huwa normali hafna li jsir uzu ta' babysitters u li hu kien sab babysitter, li hija l-cleaner tad-dar tieghu, għal meta jkollu access ghall-minuri f'Malta u li fil-fatt kellu babysitters ukoll ghal ibnu minuri.*

8. *Illi l-esponenti tirrileva umilment illi kien biss meta għamel il-ħsieb li jintavola l-proceduri gudizzjarji f'Malta li r-rikorrenti f'daqqa wahda ipprova jdawwar il-verzjoni tieghu fis-sens illi huwa ried lill-minuri tattendi childcare f'Malta, meta huwa kien jaf ben tajjeb li dan ma kienx possibli ghaliex il-minuri kjarament tirrisjedi gewwa B. Effettivament kien ir-rikorrenti nnifsu li ta l-kunsens tieghu fl-ahhar tas-sena elfejn u dsatax (2019) sabiex il-minuri tinkiteb u tattendi l-iskola gewwa B u rringrazzja lill-esponenti tar-ricerka u l-laqgħat kollha li kienet ghamlet f'dan ir-rigward.*

9. *Illi ma huwiex minnu li l-minuri ghadha lura hafna, b'dan illi tali allegazzjoni inveritjiera tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-istess bintu hija ta' hsara ghall-istess minuri, b'dan illi kemm il-pedjatra fi B, f'Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) ikkonfermat illi l-minuri ghandha motor skills ferm tajbin, kemm l-ispeech therapist gewwa Malta, ghal liema appuntament ir-rikorrenti ma kienx attenda ghax wasal tard, ikkonfermat illi l-minuri sejra tajjeb kif ukoll l-għalliema tal-minuri, li nnutat kemm it-tifla tkun kuntenta li tara lil sħabha u kemm tmur tajjeb magħhom l-iskola fejn integrat sa mill-ewwel jum. Di piu l-izvilupp tal-minuri dejjem gie kkonfermat bhala wiehed normali mit-tabib tal-minuri gewwa B u anke fl-appuntamenti mal-Baby Wellness tal-Paola Health Clinic fejn l-esponenti hadet lill-minuri fiz-zmien qasir illi kienet Malta. In oltre, filwaqt illi r-rikorrenti qed jallega li l-minuri ghadha bin-nappy huwa naqas milli jghid illi hija ilha bil-potty sa minn qabel ma kellha sentejn, b'dan illi ciononostante meta l-esponenti talbet lir-rikorrenti sabiex ikompli r-rutina maghha waqt illi hija kienet f'Malta ghal perijodu itwal mis-soltu fis-Sajf tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) ir-rikorrenti rrifjuta li jghin lill-minuri fil-potty training ghalkemm l-esponenti ppruvat tinvolvih f'dan. Kien biss f'Jannar ta' din is-sena u naturalment wara li ntavola l-proceduri l-Qorti li r-rikorrenti wera xi interess f'dan ir-rigward. Ir-rikorrenti dejjem fahhar ix-xoghol li taghmel l-esponenti mal-minuri bhala omm anki pubblikament, b'dan illi kien biss wara li ntemmet ir-relazzjoni li huwa purament b'vendikazzjoni u bi hsara ghall-istess bintu beda' jaghzel illi jghajjar u jmaqdar lill-esponenti, sabiex jipprova jizvija lil dina l-Onorabbli Qorti.*

10. *Illi b'referenza ghall-hames paragrafu tar-rikors guramentat l-esponenti tirrileva umilment illi hija kienet sejra gewwa Sao Paolo, f'post sikur, purament sabiex tattendi esebizzjoni ta' arti ta' hbieb taghha, b'dan illi di piu' hija kienet ivverifikat ukoll ma' tabib illi ma kienx hemm il-htiega ta' tilqim anke ghaliex hija kienet ser tkun biss f'zona partikolari u ma kienetx ser toqghod iddur il-Brazil. Effettivament meta r-rikorrenti rrifjuta li l-esponenti tmur ghal tali btala, hija ma marritx. Sa dak iz-zmien u cioe' meta l-esponenti kienet qed tippjana tali btala, il-pandemija kienet ghadha ma bdietx. Ghal dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni dwar l-abbort, l-esponenti tirrileva umilment illi filwaqt illi r-rikorrenti bl-aktar mod gharrieqi qed jallega li huwa oggezzjona*

*ghal dan, diversi messaggi kemm minghandu kif ukoll mill-familjari tieghu proprju jikkonfermaw il-kuntrarju, tant illi r-rikorrenti nnifsu kien akkumpanja lill-esponenti fi clinics differenti, ghalkemm evidentement din il-procedura qatt ma saret u t-tarbija twieldet qawwija u shiha, u dan frott id-deċiżjoni tal-esponenti biss, minkejja s-sitwazzjoni difficli li kienet tinsab fiha, stante illi salv għal xi ftit żjarat mat-tobba fl-isptar Belġjan, ir-rikorrenti baqa' Malta.*

11. *Illi l-verzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi huwa kontra li l-minuri ssiefer fil-pandemija hija wahda ghal kollox ironika u gharrieqa, b'dan illi kjarament huwa ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-esponenti tigi zzur Malta flimkien mal-minuri, wara li huwa rrifjuta kwazi ghal sena shiha u għadu qed jirrifjuta li jmur B sabiex izur lil bintu, b'dan illi l-unika oggezzjoni tieghu, issa li bdew il-proceduri gudizzjarji huwa li l-minuri tivvjagga lejn B, filwaqt illi allura, skond hu, ma hemm l-ebda periklu li l-minuri tivvjaggja lejn Malta. Jigi rilevat illi lanqas biss hemm obbligu ta' kwarantina għall-ġenituri barranin li jżuru lit-tfal tagħhom fil-Belġju, f'każ ta' co-parenting. Minn naha l-ohra hemm obbligu ta' kwarantina għal ġenituri li jirritornaw lura fil-Belġju, kif fil-fatt kellha taghmel l-esponenti meta rritornat lura B minn Malta f'Jannar ta' din is-sena.*

12. *Illi kuntrarjament ghal dak allegat fis-sitt paragrafu l-minuri dejjem hadet it-tilqim obbligatorju kollu, ghal bidu waqt illi kienet Malta wara t-twelid taghha u sussegwentement gewwa B, kif jidher mill-babybook ta' l-istess minuri b'timbri Maltin u Belgjani, b'dan illi l-minuri hadet ukoll it-tilqim rakkomandat mit-tobba taghha fi B, inkluz tilqim kontra l-meningitis ACWY u B li gew diskussi mar-rikorrenti. Huwa biss it-tilqima kontra l-influwenza li l-minuri ma nghatatx fuq parir tat-tobba gewwa B u skond l-iskeda tat-tilqim fi B li tirrakkomanda li t-tilqima tal-influwenza jehduha biss nisa tqal jew anzjani.*

13. *Illi b'referenza ghas-seba' (7) paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, jigi rilevat umilment illi, kuntrarjament ghal dak allegat, ir-rikorrenti ghandu kuntatt telefoniku/virtwali regolari mal-minuri, liema telefonati jdumu ghal hin konsiderevoli inkluz anke ghal nofs siegha, li mhuwiex facli ghal tifla ta' sentejn u nofs, b'dan illi l-esponenti tpoggi hdejha jew issegwiha proprju sabiex theggeg lill-minuri tibqa' fuq it-telefonata u ma titlifx l-interess peress*

*illi ghadha daqstant zghira. Tali telefonati jsiru tlett darbiet fil-gimgha u f'kaz illi l-esponenti ma tkunx tista' f'hin partikolari li jcempel ir-rikorrenti hija toffri li tali kuntatt isir f'gurnata jew hin alternattiv. Madanakollu, ir-rikorrenti bil-mod manipulattiv tieghu dejjem jipprova jimponi skeda u hinijiet fissi indipendentement minn jekk il-minuri jew l-esponenti jkunux jistghu u jinsisti li jċempel ta' kuljum u fl-istess ħin, purament sabiex imbaghad jipprova jallega li l-esponenti qed iccahhdu mill-minuri meta dan ma huwiex minnu. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li l-minuri tinzerta tkun raqdet jew tkun trid tiekol jew ma tkunx f'burdata li toqgħod fit-telefonata meta r-rikorrenti jċempel fil-hin li ġie ffissat bilfors minnu, u t-telefonata jkollha fil-fatt issir wara. Effettivament it-telefonati qed isiru b'mod regolari, inkluz b'mod regolari fil-weekends u man-nanniet u z-zijiet tal-minuri, b'dan illi dak illi naqas li jghid ir-rikorrenti kien illi huwa kien icempel x'hin ikun komdu ghalih inkluz fis-sebgha ta' filghodu (7:00a.m.) nhar ta' Hadd, filwaqt illi ripetutament jibghat messaggi fejn jiddetta "We shall be calling RBG".*

14. *Illi ghal dak illi jirrigwarda s-siehba tar-rikorrenti, li saret referenza ghaliha fid-disgha (9) paragrafu tar-rikors guramentat, ir-rikorrenti konvenjentement ghogbu jdawwar il-fatti u naqas milli jghid illi l-istess siehba tar-rikorrenti heddet lill-esponenti li kienet ser tirrapurtaha lill-Agenzija Appogg, qaltilha li hija l-istep mum ta' l-istess minuri u li ma ghandhiex bzonn il-permess ta' l-esponenti sabiex tiehu hsieb hi lill-minuri, tellghet ritratti tal-minuri fuq Facebook minghajr il-kunsens ta' l-esponenti u sahansitra kellmitha b'mod dispreggjattiv billi qaltilha biex taghlaq halqha meta l-esponenti sempliciment talbitha ma tidholx fir-residenza tal-genituri taghha, kif kellha kull dritt illi taghmel. Dan kollu fil-prezenza tal-minuri u tal-ġenituri ta' l-esponenti. Ir-rikorrenti, kif imsemmi qabel, dejjem jinvolvi wkoll is-sieħba tiegħu fi kwistjonijiet ta' trobbija tal-minuri minflok lill-esponenti, filwaqt li jirrifjuta li jikkomunika ma' l-istess esponenti bix-xewqa li jelimina r-rwol inevitabbli tagħha. Ta' min jghid ukoll illi r-rikorrenti kien ibiddel il-partners pjuttost b'mod regolari u l-esponenti ma tixtieqx illi l-minuri tigi esposta ghal diversi terzi persuni. L-esponenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni li l-familjari immedjati tal-minuri jkellmuha b'mod virtwali meta jcempel ir-rikorrenti, b'dan illi effettivament tali kuntatt isehh regolarment.*

15. *Illi l-esponenti tichad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjoni ghal kollox inveritjiera li hija b'xi mod qed tipprova ccahhad lir-rikorrenti milli jkollu access ghal bintu minuri. Ghall-kuntrarju, l-esponenti dejjem ghamlet l-arrangjamenti kollha sabiex tigi ghal btajjel f'Malta u b'hekk ir-rikorrenti seta' jgawdi lill-minuri, b'dan illi min-naha tieghu, anke jekk mitlub f'diversi okkazjonijiet, fis-sena elfejn u ghoxrin (2020) bl-iskuza tal-pandemija, r-rikorrenti ma ghamel l-ebda arrangjamenti sabiex huwa jzur lil bintu gewwa B. Sfortunatament l-attitudni tar-rikorrenti hija biss li jimponi u, jekk ma jsirx dak illi jrid, jakkuza lill-esponenti li qed tipprova tbieghed lill-minuri minnu, meta dan assolutament ma huwiex minnu.*

16. *Illi effettivament u kuntrarjament ghal dak allegat fit-tnax (12)-il paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, l-esponenti mhux biss toqghod taghmel l-arrangjamenti ghaliha u ghall-minuri sabiex tigi Malta, talli in oltre hija tipprova wkoll takkomoda r-rikjesti kontinwi tar-rikorrenti u dan bl-ghan illi huwa jgawdi lill-minuri meta hi tkun Malta. Effettivament meta tkun Malta, r-rikorrenti jgawdi access regolari u prattikament ta' kuljum għal sigħat twal spiss f'ħinijiet li jkun talab hu, li jinkludu wkoll sleepovers, b'dan illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi b'xi mod hija qed tfixkel talli access hija ghal kollox inveritjiera. Anke meta kien izur lill-minuri gewwa B kien ikun ir-rikorrenti li jindika l-granet skond l-impenji u t-titjiriet tieghu u l-esponenti dejjem ippruvat takkomodah bl-ahjar mod possibli.*

17. *Illi ghaldaqstant minn dan isegwi illi anke dak allegat mir-rikorrenti fil-tlettax (13)-il paragrafu tar-rikors guramentat ma hu xejn hlief gideb sfaccat intiz biex jizvija lil dina l-Onorabbli Qorti, b'dan illi dak illi jrid ir-rikorrenti huwa li jimponi granet u hinijiet fissi, meta l-esponenti tghix barra minn Malta, indipendentement mill-bzonnijiet, l-impenji u r-restrizzjonijiet evidenti rizultanti mill-fatt illi l-partijiet jghixu f'pajjizi differenti, b'dan illi dak illi jrid huwa li l-esponenti taccetta kull haga li jimponi hu bil-mod manipulattiv tieghu jew inkella bit-theddid kontinwu tieghu u bix-xenati quddiem ir-residenza tal-ġenituri tagħha, u b'diversi intimidazzjonijiet. Effettivament anke meta l-esponenti pproponiet skeda fissa, kif ried ir-rikorrenti, huwa xorta wahda ma kienx kuntent għax imbagħad insista li l-minuri toqgħod miegħu għal ġranet u ljieli sħaħ konsekuttivi.*

18. *Illi ma huwiex minnu li l-esponenti hassret l-access, salv meta kien hemm xi raguni ferm valida, b'dan illi dak illi qed jonqos jghid ir-rikorrenti huwa li kien hu li qabad u iddecieda li ried access ta' kuljum f'hin iffissat minnu li l-esponenti dejjem rat kif aċċettat, iżda li fil-ftit ġranet li l-esponenti ma setghetx fil-hin impost minnu huwa kien jghajjarha li qed tirrifjuta l-access meta dan assolutament ma huwiex minnu. Fil-fatt kien hemm diversi drabi fejn kien ir-rikorrenti nnifsu gabar lill-minuri anke saghtejn tard minghajr ma gharraf lill-esponenti u talab illi jinbidlu l-hinijiet, u l-esponenti, fejn setghet, dejjem ippruvat takkomodah, anke meta t-talbiet tar-rikorrenti ma kienux ragjonevoli. Illi madanakollu sfortunatament minn mindu ntemmet ir-relazzjoni, l-attitudni tar-rikorrenti nbidlet għal waħda ta' ebda rispett, fejn ir-rikorrenti moħħu sabiex izeblah lil omm l-istess bintu u ma hux kapaci jikkomunika u jikkoopera maghha, kif kien wiegħed. Ir-rikorrenti qieghed jirrifjuta wkoll illi jgedded il-passaport tal-minuri.*

19. *Illi b'referenza ghall-hmistax (15)-il paragrafu tar-rikors guramentat ir-rikorrenti ghal darba ohra ghazel illi jaghti verzjoni skorretta u inkompleta tal-fatti, b'dan illi l-ewwel haga huwa naqas milli jhallas kwalunkwe forma ta' manteniment ghal iktar minn sena wara t-twelid tal-minuri, u meta l-esponenti finalment talbitu jaghti l-kontribut tieghu huwa hedded li jiehu lill-minuri tghix mieghu sabiex ma jkollux ghalfejn ihallas tali manteniment. Sussegwentement huwa accetta biss illi jhallas is-sehem tieghu fuq l-ispejjes tal-minuri wara li jkun intuza c-children's allowance li l-esponenti tircievi ghall-minuri, b'dan illi di piu' kien igib hafna skuzi sabiex jipprova jnaqqas l-ammont diga' minimu dovut. Kien biss minn Awissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) li r-rikorrenti finalment beda' jhallas manteniment minimu ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar u ma jaghmel tajjeb ghall-ebda spejjes ohra, salv ghal spejjes minimi ta' sahha kif spjegat, b'dan illi issa qieghed jirrifjuta wkoll illi jhallas is-sehem tieghu fuq it-titjiriet tal-minuri lejn Malta.*

20. *Illi sa mit-twelid taghha l-esponenti dejjem hadet hsieb lill-minuri bl-ahjar mod possibli, u dejjem harset l-interessi taghha, kif fil-fatt ikkonferma r-rikorrenti nnifsu f'diversi okkazjonijiet, b'dan illi di piu' l-minuri ilha miktuba ghall-iskola ghal zmien twil, u effettivament bdiet tattendi l-iskola gewwa B,*

*hadet it-tilqim kollu mehtieg, ghandha kuntatt regolari mal-familji rispettivi tal-partijiet meta l-esponenti tigi Malta u meta r-rikorrenti, skond il-kumdita' tieghu, joghgbu jitla' B, ghandha liz-zija taghha gewwa B flimkien ma' l-esponenti ommha, tiltaqa' ma' diversi tfal f'centri tal-loghob u ma' tfal ohra ta' hbieb l-esponenti, filwaqt illi tattendi wkoll lezzjonijiet tal-muzika f'centru ghat-tfal u lezzjonijiet tal-Franciz fi skola tal-lingwi. Ghalhekk certament illi la l-intimata u lanqas il-minuri ma huma wahedhom, kif allegat mir-rikorrenti fis-sbatax (17)-il paragrafu tar-rikors guramentat. Di piu' ma hemm l-ebda parental alienation minn genitur illi nonostante t-theddid kontinwu, in-nuqqas ta' kooperazzjoni u l-agir abbużiv u ghal kollox deplorevoli tar-rikorrenti xorta wahda taghmel l-arrangjamenti necessarji sabiex tigi Malta, filwaqt illi r-rikorrenti ma jaghmilx sforz sabiex izur lil bintu, bl-iskuza tal-pandemija.*

21. *Illi certament illi ma huwiex fl-interess tal-minuri li hija tirrisjedi mar-rikorrenti f'Malta, b'dan illi r-rikorrenti naqas milli jghid diversi affarijiet dwaru inkluz tal-hajja xejn ezemplari tieghu, b'diversi relazzjonijiet illi lkoll sfaxxaw fix-xejn iżda li fihom madankollu dejjem involva lil uliedu minuri sa mill-bidu nett, inkluż lill-esponenti li ltaqgħet ma' ibnu biss ftit jiem wara li ltaqgħet mar-rikorrenti fejn semmielha l-lista ta' tfajliet li kellu missieru u liem minnhom kien iħobb jew le, b'dan illi anke omm il-wild l-iehor tar-rikorrenti ikkonfermat illi ilha snin titlob lill-istess rikorrenti jiehu ghajnuna psikjatrika għall-ġid ta' binhom u oht l-istess rikorrenti kkonfermat ukoll illi hija ma tmurx tajjeb ma' l-istess huha.*

22. *Illi ghal darba ohra u b'referenza ghat-tmintax (18)-il paragrafu, l-esponenti tirrileva umilment illi hija ma hijiex sempliciment fuq xoghol fi B izda hija tghix gewwa B, b'dan illi fil-fatt kien ir-rikorrenti nnifsu li kien qal lill-esponenti "B is your home." Kif diga' spjegat l-esponenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni li r-rikorrenti ikollu access ghall-minuri, b'dan illi evidentement tali access ghandu jkun wiehed ragjonevoli u prattiku li fuq kollox ikun ihares l-interessi u l-istabbilita' tal-minuri, skont l-età tenera tagħha.*

23. *Illi l-unika raguni ghalfejn il-partijiet ma waslux ghal ftehim kienet proprju minhabba l-intransigenza tar-rikorrenti li ghandu attitudni ta' 'my way or the highway' u li ma jiddiskutix izda jimponi t-termini u l-kundizzjonijiet tieghu*

> *sabiex imbaghad jinfexx f'tghajjir kontinwu f'kaz illi hija ma toqghodx ghal kull ma jghid hu.*

> *24. Illi l-esponenti taf dawn il-fatti personalment.*

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza *in parte* rigward l-eccezzjonijiet preliminari eccepiti mill-intimata MG in segwitu ghall-proceduri kontenzjuzi ntavolati mill-attur permezz ta' liema qieghed jitlob is-segwenti u cioe: (1) illi l-kura u l-kustodja tal-minuri bint il-partijiet tibqa wahda kongunta bejn l-istess; (2) illi r-residenza primarja tal-minuri tkun mal-missier, b'access regolari u fiss favur l-intimata omm; (3) illi tigi likwidata somma bhala manteniment dovuta mill-istess intimata favur il-missier. Illi alternattivament, l-attur jitlob illi fin-nuqqas tas-surreferit, u f'kaz li jigi ordnat li l-minuri tibqa' tirrisjedi flimkien mal-omm fl-esteru, jigu ffissati dawk it-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw id-domicilju tal-minuri, safar, u access.

Jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri RBG nhar it- 12 ta' Lulju 2018, u li llum ghandha circa sentejn u ghaxar xhur. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat ftit xhur wara li twieldet l-istess minuri. Jidher ukoll illi l-intimata ntavolat proceduri quddiem il-Qrati ta' B, propju rigward il-kwistjonijiet kollha li jikkoncernaw il-minuri RBG, inkluz kwistjonijiet rigward residenza, access u manteniment. Illi l-intimata tirrileva illi in vista' ta' dan il-fatt, ghandha tkun il-Qorti fi B li ghandha tisma u tiddeciedi dwar tali materja, b'dana illi ghal darb' ohra, l-intimata eccepiet in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tindirizza din il-kwistjoni.

Illi permezz tal-**ewwel zewg eccezzjonijiet** preliminari taghha, l-intimata eccepiet is-segwenti:

> *(1) Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva umilment illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma u tiddeciedi dwar it-talbiet intavolati mir-rikorrenti fil-kawza odjerna, stante illi kemm l-esponenti u fuq kollox il-minuri RBG, li hija s-suggett ta' din il-kawza, jghixu gewwa B, il-B fejn ghaldaqstant il-minuri ghandha r-residenza abitwali taghha u fejn hija tirrisjedi regolarment flimkien mal-esponenti. Dan huwa ai termini tat-Tieni Sezzjoni, Artikolu tmienja (8) tal-Council Regulation EC No. 2201/2003 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u ta'*

*responsabbilita' tal-genituri.*

*(2) Illi preliminarjament ukoll u ghal dak illi jirrigwarda l-hlas ta' manteniment pagabbli ghall-minuri, li tirrisjedi ma' l-esponenti, jigi rilevat umilment illi anke f'dan ir-rigward dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabie xtisma u tiddeciedi dwar tali kwistjoni b'dan illi ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Council Regulation (EC) No. 4/2009 tat- 18 ta' Dicembru 2008, hija l-Qorti Belgjana li hija kompetenti sabiex tiddetermina tali kwistjoni.*

Il-Qorti taghraf illi l-ewwel eccezzjonji hekk kif eccepita fir-risposta ntavolata mill-intimata, (liema risposta hija *prima facie* serjament priva mir-rekwiziti procedurali fundamentali, kif ser tosserva din il-Qorti aktar l'quddiem) hija *presso poco* identika ghall-eccezzjoni eccepieta fil-kuntest tal-mandat ta' inibizzjoni. Illi tali eccezzjoni, kif anke rilevat mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, effettivament diga giet ikkunsidrata u deciza minn din il-Qorti u ghalhekk, din il-Qorti taghmel pjena referenza ghal dak osservat minnha fid-decisjoni taghha tas-26 ta' Jannar 2021 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 188/2020/2 fl-ismijiet premessi u ghaldaqstant il-parti relevanti tas-sentenza li tikkoncerna l-materja ta' gurisdizzjoni, qed tigi hawn taht ri-prodotta:

***"Ikkonsidrat:***

*Il-Qorti tosserva illi b'mod preliminari fir-risposta taghha, il-konvenuta eccepiet in-nuqqas ta'gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tindirizza din il-kwistjoni.*

*Mill-provi fuq ezaminati jirrizulta s-segwenti fatti dwar it-tifla minuri tal-kontendenti:*

1. *Illi l-minuri RBG, twieldet Malta u hija cittadina Maltija b'passaport Malti.*
2. *Illi kuntrarjament ghax-xenografija li tipprova tpingi l-intimata, effettivament huwa minnu li ghamlet zmien f'Malta daqs kemm ghamlet f'B, stante li: wara t-twelied taghha hija ghexet l-ewwel tmien xhur ta' hajjitha f'Malta; kif tikkonferma l-intimata stess hija tinzel Malta ghall-long weekends u ghall-btajjel kollha;*
3. *Illi l-minuri inghatat servizzi offfruti mill-Istat Malti ghal dak li jirrigwarda*

*speech therapy.*

4. *Illi in oltre, l-effetti u l-familjari tal-minuri ghajr ommha u cioe in-nanniet materni u dawk paterni, huha, kollha jghixu Malta.*

*Ghalhekk meta wiehed inehhi mill-ekwazzjoni il-fatt li l-omm tirrisjedi u tahdem fi B, u jikkunsidra dan kollu mill-punto di vista tal-minuri, il-minuri hija piutost aktar integrata f'Malta stante li l-ambjent familjari tal-istess minuri huwa Malta. Illi kien biss mit-13 ta'Jannar 2021 ili l-minuri kienet ser tibda mhux skola izda kinder garten gewwa B. Ghaldaqstant bhala stat ta' fatt, il-minuri ghandha konnessjoni sostanzjali ma' Malta.*

***Ikkonsidrat:***

*Il-Qorti taghraf illi l-partijiet kienu ilhom f'medjazzjoni mill-21 ta'Novembru 2019 u kif tafferma l-istess intimata, il-partijiet kienu qeghdin jippruvaw jilhqu ftehim bonarju izda l-attur ma kienx irrisponda ghall-proposti tal-intimata u tal-avukat difensur taghha. Il-Qorti taghraf illi il-medjazzjoni hija l-ewwel pass fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, sew jekk dawn huma ghall-separazzjoni personali u sew jekk dawn ikunu jikkoncernaw il-kura u l-kustodja ta' tfal jew access tat-tfal jew manteniment tal-istess, fejn ikun hemm relazzjoni intima bejn zewg partners bla rabta ta' zwieg. Infatti, fis-sentenza fl-ismijiet:* **Ivanka Jovanovic Axisa vs Ronald Axisa deciz fit-18 ta' Dicembru, 2013 mill-Imhallef Dr. S. Meli** *gie ritenut illi:*

> ***9.1 Illi jirrizulta effettivament pacifiku bejn il-kontendenti li l-procedura fil-Qorti tal-Familja ghadha fi stadju tal-medjazzjoni;***
>
> ***9.2 Illi pero` hi l-fehma ta' din il-qorti li l-procedura de quo qieghda f'dak l-istadju semplicement ghaliex hu obbligatorju li kontendenti jibdew l-iter gudizzjarju hemm involut b'din il-procedura…***
>
> ***9.3 Illi in effetti din il-fazi procedurali sollevata mill-intimat <u>m'hi xejn hlief l-ewwel pass</u> <u>ghas-separazzjoni personali</u>, u ghalhekk ghandha tittiehed li effettivament hi parti integrali mill-procedura tas-separazzjoni vera u proprja, <u>u mhux separata minnha</u>;"***
>
> ***(Enfasi ta' din il-Qorti)***

*Il-Qorti tinnota illi l-intimata ma kinietx issollevat il-kwistjoni tan-nuqqas ta'gurisdizzjoni fl-istadju tal-medjazzjoni. Hi tiggustifika il-pozizjoni taghha billi ssostni li f'dak l-istadju l-partijiet ma kienux qeghdin jidhru quddiem Qorti.*

*Hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan l-argument ma jregix u filfatt l-intimata accettat tacitament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fl-**ewwel stadju tal-proceduri** li jikkoncerna it-tifla minuri tal-kontendenti u cioe' proceduri ghall-kura u kustodja, residenza u access tal-istess minuri, kif ukoll talba ghall-manteniment taghha.*[1] *Infatti, l-artiklu 742(1)(g) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti gurisdizzjoni lill-Qrati Maltin fuq:*

> ***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.***

*Dan l-artiklu pero' mhux l-unika artikolu li jakkorda u jikkonferma l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. L-Artiklu 742 tal-Kap 12 ghar-rigward l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni jipprovdi kif gej:*

> ***(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***
>
> ***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;***
> ***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;***
> ***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***
> ***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
> ***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkun trattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta,***

[1] Vide Medjazzjoni 1601/19 anness ma' dawn il-proceduri a fol 1.

*jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna litinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;*

*(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.*

*(2) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li qorti barranija tkun qegħda tittratta l-istess kawża jew kawża li għandha x'taqsam magħha. Meta qorti barranija jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew iwaqqfu l-proċedimenti f'każ li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-konvenut.*

*(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le,f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.*

*(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta'arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ, jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta' għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.*

*(5) Att kawtelatorju maħruġ skont ma hemm fis-subartikolu ta'qabel dan għandu jitneħħa:(a) jekk dik il-parti li jinħareġ kontriha tagħmel dak id-depożitu jew tagħti dik il-garanzija li tkun biżżejjed sabiex tiżgura d-*

***drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tiegħu, sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-qorti, fit-terminu imsemmi ta' għoxrin jum; jew(ċ) meta jiskadi ż-żmien, oriġinali jew imġedded, tal-att partikolari skont dan il-Kodiċi; jew(d) għal raġuni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-qortitista' tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi.***

***(6) Meta dispożizzjoni issir taħt xi liġi oħra jew f'xi Regolament tal-Unjoni Ewropea fejn tintgħamel dispożizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta'dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqgħu taħt dik id-dispożizzjoni l-oħra u għandhom biss japplikaw għal affarijiet li dwarhom dik id-dispożizzjoni l-oħra ma tapplikax.***

*Ghaldaqstant, mid-daqqa t'ghajn il-Qorti jidher illi ghandha gurisdizzjoni fuq il-kaz in ezami wkoll ai termini ta' l-artikolu 742(1)(b) stante il-presenza tal-intimata f'Malta kif ukoll il-presenza tal-minuri.*

*Ezami tar-***Regolament (KE) Nru 2201/2003 dwar il-Gurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta'sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta'responsabbilta' tal-genituri** *b'mod specjali ghall-artikolu 12(3)(a) u l-artikolu 13(1) jindikaw b'mod car illi fil-kaz in ezami l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni, ghaliex il-minuri tifla tal-kontendenti ghandha dak l-imsemmjjah* **konnessjoni sostanzjali** *ma' Malta u cioe l-Istat Membru:*

***12(3)(a) Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ukoll il-ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri fi proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 fejn:***

***(a) il-minuri għandhom konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru, u partikolarment bis-saħħa ta' l-fatt li bejn wieħed minn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità huwa/hija abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru jew li l-minuri huma ċittadini ta' dak l-Istat Membru...***

***13(1). Fejn ir-residenza abitwali ta' l-minuri ma tistax tiġi stabbilita u l-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi ddeterminata dwar il-bażi ta' l-Artikolu 12, il-qrati ta' l-Istat Membru fejn il-minuri huma preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni.***

*Illi in oltre, apparti il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin taht il-kapi fuq indikati, jezisti kap iehor ta'gurisdizzjoni fejn si tratta ta' mizuri provvizorji u prottetivi fuq il-persuna jew assi tal-minuri, u dana kif jidher mill-artikolu 20 tal-istess Regolament B II (Bis) li jipprovdi:*

***(1) F'każijiet urgenti, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jħallu l-qrati ta' Stat Membru milli jieħu dawk il-miżuri provviżorji, inkluzi dawk protettivi fir-rigward ta' persuni jew assi f'dak l-Istat kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anke jekk, taħt dan ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni.***

***2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jibqgħu japplikaw meta l-qorti ta' l-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni, ħadet il-miżuri li dehrilha xierqa.***

*Ghalhekk, fid-dawl tal-kap ta' gurisdizzjoni fuq ezaminati u b'mod specjali ghall-Artikolu 20 tar-Regolament B II (Bis), jirrizulta ampjament illi din il-Qorti hija mghamra bil-gurisdizzjoni biex tissindika il-hrug o meno tal-mandat ta' impedimenti di partenza tal-minuri tifla tal-kontendenti liema procedura hija essenzjalment hija mizura provvizorja u prottetiva versu l-minuri. Ghaldaqstant, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*

Il-Qorti tinnota illi l-partijiet ma pproducew ebda provi dwar il-gurisdizzjoni jew in-nuqqas tal-istess f'dawn il-proceduri u strahu fuq il-provi kollha migjuba fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni, li ghalihom il-Qorti taghmel referenza pjena[2]. Illi ghalhekk u gialadarba l-istadju tal-provi rigward l-eccezzjonijiet preliminarji kien gie effettivament konkluz, din il-Qorti tastjeni

[2] Vide riassunt tal-provi tal-partiijet minn pagna 9 sa pagna 13 tad-decizjoni ta' din il-Qorti moghtija fis-26 ta' Jannar 2021, fl-istess ismijiet, rikors numru 188/2020JPG.

milli tiehu konjizzjoni tad-**dokumenti annessi man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata, u tordna l-isfilz tal-istess dokumenti.**

Filwaqt illi kif diga ritenut, din il-Qorti taghmel pjenza referenza ghal dak rilevat minnha fid-decisjoni taghha tas- 26 ta' Jannar 2021, u tabbracja il-konkluzjonijiet hemm raggiunti, qieghed jigi nnutat illi n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata terga tqanqal *uno ad uno* id-dispozizzjonijiet tal-ligi ndikati minn din il-Qorti fid-decisjoni taghha tat-26 ta' Jannar 2021 li bihom jikkonfermaw il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

**Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi indipendentement mill-kwistjonijiet purament legali u procedurali sollevati fil-proceduri odjerni, l-interess tal-minuri huwa u jibqa' l-fattur determinant, din il-Qorti ghandha l-obbligu li titutela l-interessi u l-benessere tal-minuri.** [3]

*Il-Proceduri tal-Medjazzjoni:*

Illi l-Qorti tinnota illi l-intimata regghet qanqlet l-argument rigwardanti l-proceduri ta' medjazzjoni, b'differenza li din id-darba, ssostni illi gialadarba hi u l-avukat difensur taghha qatt ma attendew ghas-seduta u lanqas ma attendew il-Qorti, u dak li sar kien biss skambju ta' korrispondenza bejn l-avukati difensuri tal-partijiet bl-ghan li jintlahaq ftehim, bl-ebda mod ma jista' jinghad illi l-intimata b'xi mod accettat tacitament il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u ghalhekk il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni *o meno* tal-Qrati Maltin f'dan l-istadju ta' medjazzjoni, m'ghandhiex relevanza, b'dana illi din il-Qorti kienet skoretta meta kkunsidrat mod iehor.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-intimata effettivament fl-ewwel stadju tal-proceduri, *ossia* fil-medjazzjoni, kienet accettat u anke ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, u ma kinietx qanqlet il-kwistjoni tal-gurisidizzjoni o meno tal-Qrati Maltin, ad limine lite kif kellha taghmel kemm-il darba kienet qed topponi ghal gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Jirrizulta evidentement li **kien biss wara l-proposti taghha ma ntlaqghux mill-attur,** li gew sollevati l-eccezzjonijiet preliminari in dezamina. Il-Qorti tinnota wkoll li l-proceduri odjerni f'Malta gew intavolati **ferm qabel** il-proceduri intavolati mill-intimata fi B. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, flimkien mal-konsiderazzjonijiet indikati fis-sentenza taghha tas-26 ta' Jannar 2021, din il-Qorti ghal darb ohra ttenni illi, gialadarba l-artikolu 742(1)(g)

[3] Illi dan gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Raymond Calleja vs Dr R Pace deciza 31 ta' Jannar 1991, fejn il-Qorti trattat eccezzjonijiet preliminarji simili ghal dawk odjerni.

tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti gurisdizzjoni lill-Qrati Maltin fuq:

> ***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti***

din il-Qorti, ghandha gurisdizzjoni a bazi ta' din id-dispozizzjoni tal-Ligi.

***L-Invokar tal-Artikolu 8 mill-Intimata u r-Residenza Abitwali tal-Minuri:***

L-intimata ghal darba ohra tinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu 8[4] tar- ***Regolament (KE) Nru 2201/2003 - Il-Gurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri*** ghall-proceduri de quo. Illi l-artiklu 8(1) jipprovdi kif segwenti:

> ***Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess.***[5]

L-intimata tirrileva illi l-minuri bint il-partijiet hija residenti B, fejn hija ghandha r-residenza ordinarja taghha, u fejn ilha tirrisjedi mal-intimata ghal iktar minn sentejn u cioe minn Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019). L-intimata izzid illi hija ilha tirrisjedi gewwa B ghal dawn l-ahhar erbatax (14) – il sena, u cioe mis-sena elfejn u sebgha (2007). Filwaqt illi fl-ebda stajdu tal-proceduri ma gie kontestat illi l-intimata effettivament ilha mill- 2007 tirrisjedi gewwa B, **dak li huwa ta' relevanza ghall-proceduri odjerni, huwa fejn hi abitwalment residenti l-minuri, u mhux l-intimata.** L-intimata ticcita ukoll sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet ***Ab vs Dr Crhistopher Chircop*** deciza 20 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti tenniet illi l-unika kriterju sabiex tigi determinata il-gurisdizzjoni huwa ir-residenza abitwali tal-minuri. Illi pero l-intimata **tonqos** mill-isemmi l-fatt illi fis-sentenza minnha citata il-fatti partikolari kienu ferm differenti minn dawk odjerni u dana stante li:

- **l-konvenuta kienet cittadina tal-Germanja, b'dana illi qatt ma kellha domicilju f'**

[4] Illi bhala parentezi zghira qabel tindirizza l-applikazzjoni o meno tal-artikolu 8 tar-Regolament 2201/2003, din il-Qorti tikkoncedi illi fil-proceduri de quo, l-artikolu 13 u l-artikolu 20 ma jsibux applikazzjoni, stante li dawn jitrattaw cirkostanzi fejn il-minuri irrid ikun prezenti fl-istat membru u mizuri prottetivi temporanji.

[5] *The courts of a Member State shall have jurisdiction in matters of parental responsibility over a child who is habitually resident in that Member State at the time the court is seised.*

**Malta;**

- **il-minuri in kwistjoni ma kellha l-ebda ness ma' Malta apparti l-fatt li missierha biss kien Malti;**
- **il-minuri qatt ma rifset l-art ta' Malta**
- **il-minuri dejjem ghexet fl-Isvizzera**

u kien propju ghalhekk illi l-Onorabbli Qorti tal-Familja kif preseduta hadet in konsiderazzjoni biss ir-residenza abitwali tal-minuri.

Din il-Qorti tinnota illi l-artikolu 3(1) li jirregola il-gurisdizzjoni f'kawzi ta' divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ, jindika *time frames* li Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni meta tigi biex tiddetermina jekk hija ghandhiex gurisdizzjoni o meno a bazi ta' dak l-artikolu, b'dana illi l-interpretazzjoni tal-kuncett ta' residenza abitwali hija necessarjament wahda aktar ristretta f'dan il-kuntest.

Illi pero' l-artikolu 8 tar-Regolament ma jimponi l-ebda zmien jew rekwiziti appositi meta Qorti tigi biex tiddetermina r-residenza abitwali tal-minuri.

Siccome, l-Artikolu 8(1) tar-Regolament ma jagħmel l-ebda referenza espress għad-dritt tal-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-portata tal-kunċett ta' "residenza abitwali", din għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjonijiet u tal-għan tar-Regolament, b'mod partikolari dak li jirriżulta mill-premessa 12 tiegħu. Din il-premessa tipprovdi li r-regoli rigward ġurisdizzjoni **huma magħmula fl-aqwa interessi tal-minuri u b'mod partikolari tal-kriterju ta' qrubija**. Ghalhekk ir-"residenza abitwali" tal-minuri, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament, għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi fattwali kollha li huma partikolari għal kull każ. Apparti l-presenza fiżika tal-minuri fi Stat Membru, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fatturi oħra li jistgħu jindikaw li din il-presenza fl-ebda mod ma hija waħda ta' natura temporanja jew okkażjonali u li r-residenza tal-minuri tirrifletti ċerta integrazzjoni f'ambjent soċjali u familjari.

B'mod partikolari għandhom jittieħdu in kunsiderazzjon: **t-tul, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru u tat-trasferiment tal-familja f'dan l-Istat, iċ-ċittadinanza tal-minuri, il-post u l-kundizzjonijiet ta' tagħlim, il-konoxxenzi lingwistiċi kif ukoll ir-rapporti familjari u soċjali tal-minuri f'dan l-Istat.**

Illi f'dan l-istadju u ghar-rigward huwa rilevanti dak li ddikjarat il-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra fil-kawza: ***Re N (Children) (Adoption: Jurisdiction) [2015] EWCA Civ 1112]*** moghtija fit-2 ta' Novembru 2015.

> ***"..................To be 'habitually resident' in a country you will require some degree of integration in that country. Whether or not a child is 'habitually resident' in a particular country is essentially a question of fact.***
>
> ***We can glean the following principles from the case law:***
> ***(a) habitual residence is a question of fact and not a legal concept such as domicile. There is no legal rule akin to that whereby a child automatically takes the domicile of his parents.***
>
> ***(b) The test adopted by the European Court is "the place which reflects some degree of integration by the child in a social and family environment" in the country concerned. This depends upon numerous factors, including the reasons for the family's stay in the country in question.***
> ***(c) The test adopted by the European Court is preferable to that earlier adopted by the English courts, being focused on the situation of the child, with the purposes and intentions of the parents being merely one of the relevant factors.***
> ***(d) The social and family environment of an infant or young child is shared with those (whether parents or others) upon whom he is dependent. Hence it is necessary to assess the integration of that person or persons in the social and family environment of the country concerned.***
> ***(e) The essentially factual and individual nature of the inquiry should not be glossed with legal concepts which would produce a different result from that which the factual inquiry would produce.***
> ***(f) It is possible that a child may have no country of habitual residence at a particular point in time."***

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak rilevat minn din il-Qorti kif preseduta fid-decisjoni taghha fl-ismijiet: ***TB (B Passport number 513866764) Vs By means of a decree dated 16th of October 2018, Dr Yanika Camilleri and PL Davina Sullivan nominated as Curators to represent the absent FB; By means of a decree dated 6th of March 2019, Dr Christopher Chircop substituted Dr Yanica Camilleri as Curator*** deciza nhar it-2 ta' Novembru 2020:

> ***From this jurisprudence of the CJEU on the matter it is clear that the term habitual residence is a flexible concept which must be determined on the basis of the individual circumstances of the case at hand and always in light of the best interests of the child. According to the CJEU, the term habitual residence 'corresponds to the place which reflects some degree of integration by the child in a social and family environment" and in its judgement it has laid down a number of non-exhaustive criteria that should be taken into consideration when determining the habitual residence of a child, which include: "the duration, regularity, conditions and reasons for the stay on the territory of a Member State and the family's move to that State, the child's nationality, the place and conditions of attendance at school, linguistic knowledge and the family and social relationships of the child in that State."*** [6]

Il-kunċett ta' residenza abitwali, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li din ir-residenza tikkorrispondi mal-post li jirrifletti ċerta integrazzjoni tal-minuri f'ambjent soċjali u familjari.

M'huwiex madankollu eskluż li, wara din l-evalwazzjoni, ikun impossibbli li jiġi stabbilit l-Istat Membru li fih tinsab ir-residenza abitwali tal-minuri. Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, din il-Qorti tqis illi biex hija tiddetermina r-residenza abitwali tal-minuri fil-kaz odjern li hija *toddler* ta' sentejn u ftit xhur, kif jirrizulta mill-gurisprudenza citata, ir-residenza abitwali tal-genituri rispettivi, c-cirkli socjali taghhom, l-interessi taghhom u r-rabtiet taghhom mal-pajjiz jew pajjizi in kwistjoni huma biss fatturi ta' importanza sekondarja. Dak li trid tiddetermina l-Qorti hu: ***the place which reflects some degree of integration by the child in a social and family environment" in the country concerned.***

Il-Qorti tqis illi l-minuri RBG:

1. Twieldet Malta;
2. Hija cittadina Maltija b'passaport Malti;
3. Ghamlet zmien f'Malta daqs kemm ghamlet f'B, stante li: wara t-twelied taghha hija ghexet l-ewwel tmien xhur ta' hajjitha f'Malta; kif tikkonferma l-intimata stess hija tinzel

[6] Vide Case C-523/07 A [2009] ECR I-2805.

Malta ghall-*long weekends* u ghall-btajjel kollha u dan kuntrarjament ghax-xenografija li tipprova tpingi l-intimata. Filfatt, l-minuri sa Jannar tas-sena 2021 kienet ghadha Malta. Il-Qorti tosserva illi kien biss issa wara d-decisjoni ta' din il-Qorti tas- 26 ta' Jannar 2021 li l-intimata ma resqet xejn lejn Malta;

4. Ghamlet uzu mis-servizzi offruti mill-Istat ghal dak li jirrigward *speech therapy*;
5. L-effetti u l-familjari tal-minuri ghajr ommha u cioe in-nanniet materni u dawk paterni, huha, kollha jghixu Malta. Illi kien biss in segwitu tad-decizjoni tas-26 ta' Jannar 2021 li ssemmiet iz-zija materna u parrina tal-minuri li tirrisjedi gewwa B.

Il-Qorti tinnota ukoll illi kien biss **wara** d-decisjoni taghha tas-26 ta' Jannar 2021, li l-minuri, ***toddler*** ta' kwazi sentejn u nofs, qeghda tattendi lezzjonijiet tal-Franciz, u tal-muzika. Il-Qorti ssibha ftit inverosimili illi *toddler* li ghadha allegatament *breast fed,* tattendi l-iskola tal-franciz u tal-muzika. Ghalhekk meta wiehed jifli l-fatturi fuq indikati ghal ricerka tal-gurisdizzjoni tal-minuri (a kuntrarju ta' dak tal-omm), il-minuri hija piutost aktar integrata f'Malta *stante* li l-ambjent familjari tal-istess minuri huwa Malta u li hija l-intimata li xi ftit jew wisq hija marbuta ma' B u mhux il-minuri li effettivament bhala *toddler* ta' sentejn u nofs m'ghandha l-ebda rabtiet ghajr il-fatt li haditha ommha l-intimata B.[7]

Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tichad s-sottomissjonijiet tal-intimata ghar-rigward l-applikabilita tal-artikolu 8, 9 u 17 u dana stante li hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-minuri, bint il-partijiet, effettivament s'issa, m'ghandhiex residenza abitwali u mifhum illi qattghet zmien Malta daqs kemm qattghet fi B, b'dana illi jehtieg li din il-Qorti tissindika l-applikazzjoni o meno tal-artikolu l-ohra tar-Regolament 2201/2003.

Hija wkoll il-fehma tal-Qorti li fid-dawl tal-fatti prezenti l-artikolu 12(3)(a) u (b) huma applikabbli ghall-proceduri *de quo* stante li kif osservat din il-Qorti aktar 'l fuq, il-minuri apparti li l-attur missiera huwa abitwalment residenti f'Malta, ghandha ukoll diversi konnessjonijiet ma' Malta. Illi ulterjorment ir-rekwizit indikat fis-sub artikolu 12(3)(b) huwa ukoll soddisfatt u dana stante li kif rilevat aktar kmieni, l-intimata accettat il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fil-hin li din il-Qorti hadet il-pussess, u cioe mal-ftuh tal-medjazzjoni. Illi l-artikolu 12(3)(a) u (b) jipprovdi:

[7] Infatti, fid-dokumenti esebiti Dok MG fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibzzjoni, l-intimata naqset milli timla ir-residenza tal-istess tifla, fil-formoli tal-iskola tat-tifla, u dana kemm fid-dokument originiali kif ukoll fit-traduzzjoni tieghu.

***Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ukoll il-ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri fi proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 fejn:***

***(a) il-minuri għandhom konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru, u partikolarment bis-saħħa ta' l-fatt li bejn wieħed minn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità huwa/hija abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru jew li l-minuri huma ċittadini ta' dak l-Istat Membru; u***

***(b) il-ġurisdizzjoni ta' l-qrati ġiet espressament aċċettata jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-partijiet kollha fil-proċedimenti fil-ħin li l-qorti ħadet il-pussess u dan fl-ahjar interess għall-minuri.***

Illi ulterjorment l-Artikolu 14 jipprovdi ukoll:

***Fejn ebda qorti ta' xi Stat Membru għandha l-ġurisdizzjoni skond l-Artikolu 8 sa 13, il-ġurisdizzjoni għandha tkun determinata, f'kull Stat Membru, mil-liġijiet ta' dak l-Istat.***

Illi dan l-artikolu jinnecesita harsa lejn id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 742[8] tal-Kap 12 tal-Ligijiet

---

[8] ***(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***
***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;***
***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;***
***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***
***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkuntinsab Malta;***
***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
***(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna litinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;***
***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.***

***(2) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li qorti barranija tkun qegħda tittratta l-istess kawża jew kawża li għandha x'taqsam magħha. Meta qorti barranija jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew iwaqqfu l-proċedimenti f'każ li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-konvenut.***

***(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le,f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi litirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.***

ta' Malta.

Il-Qorti, affermat l-applikabilita' tal-artikolu 742(1)(g) ghal kas in ezami u tikkonstata illi effettivament isib applikabilita wkoll s-sub inciz (1)(a) stante li l-partijiet u l-minuri huma it-tlieta cittadini Maltin. F'dan is-sub inciz, il-gurisdizzjoni hija radikata bis-semplici fatt li persuna tkun cittadina Maltija. L-unika kondizzjoni li teskludi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin hi sakemm u jekk dan ic-cittadin ma jkunux stabbilew id-domicilju taghhom band' ohra.[9] **Illi tali provi tinkombi fuq l-intimata.** Illi il-kuncett ta' domicilju jmur ferm oltre mill-kuncett ta' residenza fl-esteru anke jekk fuq perjodu twil. Illi filfatt il-Qrati Maltin tennew:

> ***Per dirsi di avere uno cambiatio il suo domicile di origine, non e sufficiente la lunga dimora in paese straniero per motivi di commercio e di lavoro anche quando egli avesse portato con se la sua familigia ma e mestieri che risulti con prove dirette… e egli non abbia avuto intenzione di ritornarci.***[10]

Illi ukoll fid-decisjoni fl-ismijiet ***Dr Alex Perici Calascione vs George Rizzo***[11] gie ritenuti s-segwenti:

> ***Il konvenut bhala stat ta' fatt u ex admissis zamm ic cittadinaza Maltija tieghu meta seta jirrinunzja ghalija u jiehu dik Taljana, l-animus non redeundi ma jimportax li min jaghmel tali decizjoni ma jzur qatt il pajjiz tad-domicilju ta' origini li hu jkun qed jabbanduna. Jimporta pero l-eskluzjoni ta' l-intenzjoni…***

---

***(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta'arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ,jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta' għoxrin jummid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.***

***(5) Att kawtelatorju maħruġ skont ma hemm fis-subartikolu ta'qabel dan għandu jitneħħa:***

***(a) jekk dik il-parti li jinħareġ kontriha tagħmel dak id-depożitu jew tagħti dik il-garanzija li tkun biżżejjed sabiex tiżgura d-drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew***

***(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tiegħu,sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-qorti, fit-terminu imsemmi ta' għoxrin jum; jew(ċ) meta jiskadi ż-żmien, oriġinali jew imġedded, tal-attpartikolari skont dan il-Kodiċi; jew(d) għal raġuni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-qortitista' tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi.***

***(6) Meta dispożizzjoni issir taħt xi liġi oħra jew f'xi Regolament tal-Unjoni Ewropea fejn tintgħamel dispożizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta'dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqgħu taħt dik id-dispożizzjoni l-oħra u għandhom biss japplikaw għal affarijiet li dwarhom dik id-dispożizzjoni l-oħra ma tapplikax.***

[9] Vide sentenza Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet Raymond Calleja vs Dr R Pace deciza 31 ta' Jananr 1991.
[10] Vide Dimech vs Dimech deciza mill-Qorti tal-Appell Jannar 1925 Vol XXVI-I-3
[11] Deciza nhar it- 23 ta' Frar 2000.

***din il prova preciza u konklusva fil kaz in ezami ma tirrizultax.***

Illi l-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti. Illi mill-provi in atti jirrizulta ampjament illi l-intimata minkejja l-fatt li ormai ilha tahdem fi B ghal diversi snin, bl-ebda mod ma jista' jinghad illi resqet provi konklussivi li jindikaw li hija biddlet id-domicilju tal-origini taghha u certament ma jistax jinghad hekk ghar-rigward tal-minuri.

Illi ulterjorment, din il-Qorti tgahmel ukoll referenza ghall-artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament li jistipula kif segwenti:

> ***2. Fejn il-proċedimenti dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri dwar l-istess minuri u li tinkludi l-istess kawża se jidħru quddiem qrati fi Stati Membri differenti, it-tieni qorti li ħadet il-pussess għandha b'mozzjoni tagħha stess żżomm il-proċedimenti sakemm il-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti tiġi stabbilita.***
>
> ***3. Fejn il-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess tiġi stabbilita, it-tieni qorti bil-pussess għandha iċċedi l-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.***
>
> ***F'dak il-każ, il-parti li tkun ġabet il-kawza relevanti quddiem il-qorti li ħadet il-ta' l-pussess wara, tista' ġġib dik il-kawza quddiem il-qorti li ħadet ita' l-pussess l-ewwel.***

Illi effettivament dan l-artikolu jirrispekkja s-sitwazzjoni odjerna, b'dana illi din il-Qorti, kienet l-ewwel Qorti li hadet il-pussess, stante li l-proceduri odjerni gew intavolati mill-attur ***fit- 30 ta' Novembru tas-sena 2020[12],*** sahansitra **qabel[13]** ma ntavola l-proceduri relattivi ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ferm qabel l-proceduri intavolati mill-intimata fi B li x'aktarx gew intavolati fl- **4 ta' Marzu 2021**, b'dana ghalhekk illi ghandha tkun il-Qorti fi B li iccedi l-gurisdizzjoni.

Ghar-rigward it-tieni eccezzjoni u cioe l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Dicembru 2008, stante li l-kwistjoni tal-manteniment hija wahda ancillari ghall-proceduri odjerni dwar ir-responsabbilita' ta' genitur ai termini tal-Artikolu 3 tal-istess Regolament, din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tiddetermina l-quantum tal-manteniment

[12] Enfazi ta' din il-Qorti
[13] Enfazi ta' din il-Qorti.

dovut.

*Ir-Risposta tal-Intimata:*

Il-Qorti tosserva illi l-attur intavola l-proceduri odjerni ***fit- 30 ta' Novembru tas-sena 2020[14],*** sahansitra **qabel[15]** ma ntavola l-proceduri relattivi ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf lill-intimata milli tiehu lill-minuri barra minn Malta.[16] Qieghed jigi osservat ukoll wara skrutinju iktar fid-dettall tar-risposta prezentata mill-intimata nhar it- 8 ta' Marzu 2021 illi l-kontenut ta' l-istess **gie mahluf minn terz** u mhux mill-intimata MG u dana minkejja li r-risposta in kwistjoni hija delinejata bhala r-risposta tal-intimata u mahlufa mill-istess. Illi minn harsa lejn it-timbru relattiv, jirrizulta li effettivament kien certu **JC** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 381873 (M) li halef il-kontenut kemm tar-risposta guramentata u kif ukoll ghad-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mal-imsemmija risposta.

Illi kif tirrileva l-intimata stess *ex admissis* fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u anke fir-rikors ghad-differiment prezentata minna nhar it- 23 ta' Marzu 2021, hija prezentement tinsab B u ghalhekk din il-Qorti ghandha c-certezza morali li ma kinitx l-intimata li prezentat ir-risposta mahlufa. Illi di piu' jidher illi l-intimata setghet naqset milli tottempera ruhha mal-ligijiet proceduralі relattivi ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji minn persuni li jkunu assenti u dana stante li wara li fliet l-atti bir-reqqa, din il-Qorti tinnota illi ebda prokura specjali fir-rigward ta' JC jew terz bhala l-mandatarju/i taghha u/jew dikjarazzjoni mill-istess, ma tidher inserita fil-process.

Peress illi dana kollu jista jwassal ghan-nullita' tar-risposta guramentata stante li r-rekwiziti *ad validatem* stipulati fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx osservati, bil-konsegwenti dikjarazzjoni ta' kontumaci, il-Qorti qieghda, *ex officio* qajmet il-kwistjoni tal-possibbli nullita' tar-risposta tal-intimata u takkorda lill-intimata il-fakolta li tiggustifika l-posizzjoni taghha ghar-rigward u tirriserva li tipprovdi ulterjorment ghar-rigward.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet preliminarji eccepieti mill-intimata fir-risposta taghha tat-8 ta' Marzu 2021 u tordna l-prosegwiment tal-proceduri odjerni.**

[14] Enfazi ta' din il-Qorti
[15] Enfazi ta' din il-Qorti.
[16] Vide Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 188/2020/2 fl-ismijiet premessi liema atti huma annessi ma' l-atti tal-proceduri odjerni ai termini ta' l-ordni ta' din il-Qorti tat- 12 t'April 2021.

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**